MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Numru. 687/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Roland Cassar)**

**v**

**Vincent Borg ta' 54 sena bin il-mejjet Joseph u Carmen nee Cassar residenti St Christopher Flats, 15, Triq il-Kuccard, San Gwann, mwieled il-Gzira fil-25.01.50, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 124950 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Vincent Borg li gie akkuzat tali fl-24 ta' Awissu, 2004 ghall-habta ta' 21.30

ta’ filghaxija gewwal-ground ta’ Ta’ Qali waqt il-loghba ta’ bejn B’Kara u Sliema wera mgieba abusiva billi:

(1) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza u hebb ghall-AC Josie Brincat u PC 1030 waqt il-qadi ta’ dmirijietu
(2) Ingurja jew hedded ufficjal tal-Pulizija bi kliem
(3) Naqas li jobdi ordni legittima tal-Pulizija
(4) Kiser il-paci pubblika u bon ordni b’ghajjat u glied

Il-Qorti giet mitluba li barra li tinghata l-piena tipprojbixi lill-imsemmi li jattendi f’xi ground ta’ l-isports ghall-perjodu li jidhrilha xieraq.

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat.

Rat li l-imputat ma ghandu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens ta’ l-Auvkat Generali ghal dawn il-proceduri.

In kwantu giet registrata l-ammissjoni u anke giet registrata skuza fl-atti ta’ din il-kawza min-naha ta’ l-istess akkuzat fil-konfront ta’ l-Ufficjali tal-Pulizija.

Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li hu ilu minn Awissu ma jersaq lejn il-ground nazzjonali tal-football.

Ghaldaqstant rat l-artiklu 95, 96, 338, 17 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat il-fedina penali fejn jidher li Vincent Borgghandu problemi ta’ attitudni ghaldaqstant qeghda tqeghdu taht ordni ta’ probation ghal sena mil-llum b’dan illi hu ghandu jobdi dawk id-direttivi lilu moghtija mill-probation officer specjalment fir-rigward ta’ attitudni u mgieba lejn l-Awtoritajiet.

Tordna wkol lil Vincent Borg ma jersaqx lejn il-ground ghal zmien tliet xhur ohra mil-llum.

Tikkundannah ghal hlas ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm 25) ammenda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------